# Patri Ġużepp Delia, S.J.

## (1900 - 1980)

## *Il-Poeta tal-ħlewwa u tal-leġġendi*

*Nhar id-29 ta' Settembru 2005, Patri Ġużè Delia għalaq 25 sena mejjet. Biex infakkruh, kif tassew jistħoqqlu, qegħdin inġibu l-artiklu bl-istess isem mill-ktieb ippubblikat mill-Kunsill Lokali*

**"Hawn Twieldet *u tibqa' tħabbat* Qalbi"**

***ta'* Pawlu Aquilina**



L-ewwel ma ltqajt miegħu ma kienx wiċċ imbwiċċ imma kien bil-poeżija ħelwa tiegħu *"San Franġisk u l-Gamiem"* li sibtha, u lilu fiha, fi tfuliti fil-ktieb tal-qari tal-Malti, fis-sensiela "Ġabra ta' Ward" li dak iż-żmien kellna fl-iskejjel elementari jew primarji tal-Gvern.

Dil-poeżija kellha l-ewwel seħer tiegħu fuqi; hekk tgħaxxaqt bi ġmielha li qrajtha kemm-il darba sakemm tgħallimtha bl-amment. Il-poeżiji ġa kienu jiġbduni u b'dil-poeżija ta' ħlewwa u ġmiel, li kienu s-seħer moħbi ta' Patri Delia, inġbidt aktar għal din l-għamla ta' kitba. Mela għalija Delia kien wieħed minn ta' l-ewwel li dewquni l-ħlewwa tal-poeżija Maltija.

F'żgħożiti - billi dik il-ħabta Delia kien moħbi wisq jaħdem għal Alla fil-Kumpanija ta' Ġesù - ftit iltqajt miegħu, imma l-ftit li ltqajt baqa' mwaħħal f'moħħi u ħaj f'qalbi. Nerġa' ngħid mhux wiċċ imbwiċċ, imma bil-poeżija. Sibtu f'ħarġiet qodma u ta' żmieni tal- "Pronostku Malti" f'xi poeżija rebbieħa li jkun daħal biha għall-konkors li d-Ditta Giov. Muscat kienet tniedi ta' kull sena. Dak kien żmien li jien ukoll bdejt nikteb xi versi u hu wkoll sar jafni bihom; sibna lil xulxin fil-poeżija Maltija.

F'Lulju ta' l-1946, sibtu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Birkirkara, meta wara żmien twil bħala Rettur kien inħatar l-ewwel Provinċjal tal-Kumpanija ta' Ġesù f'Malta. Kont ma' għadd ġmielu ta' studenti li konna temmejna l-iskola sekondarja u għamilna s-*Senior Oxford,* u bi stedina tal-Ġiżwiti minn fuq *"Lil Ħbiebna"* li beda joħroġ f'Malta bil-Malti fl-1945 (qabel kien jiġi bit-Taljan mill-Italja bl-isem ta' *"Ai nostri amici"*) morna nagħmlu tlitt ijiem irtir magħluq fl-istess kulleġġ. Ma kienx hu li għamlilna l-irtir imma kien jiltaqa' magħna fil-ħin tal-mistrieħ. Kliemu kien isaħħrek, kien poeżija bla ma taqta', kien jaf iħollok bil-problemi kollha tiegħek. Ma kienx jonqos żagħżugħ minna li kien jitilfu u ma jiġix jiġri jisimgħu jitkellem. U wara, dejjem b'xi ċajta ferrieħa, b'xi tagħlima li fiha tassew x'tiżen imma bi ħlewwa li tibqa' ttegħemha ħafna wara li tkun smajt kliemu li ma jieqaf qatt jidwi f'qalbek.

Xi snin wara għaddejt mill-għarbiel tiegħu meta dħalt għal xi konkorsi tal-poeżija u wara nsib li kien xi wieħed mill-eżaminaturi, u jistaqsi għalija biex isir jafni, għax kont irbaħt u għax kont mis-Siġġiewi bħalu. Kien jifraħ aktar minni. X'qalb tad-deheb kellu!

Fl-1952 kien talabni naqleb għall-Malti d-dramm *"El Divino Impaciente"* - il-ġrajja ta' San Franġisk Saverju, mill-Ingliż *"A Saint in a Hurry"* - tal-poeta u kittieb magħruf Spanjol Josè Maria Peman, li kien ukoll kattoliku ferventi. Dan ix-xogħol lestejtu fl-24 ta' Ġunju 1952 u Patri Delia kien ħa gost bih ħafna. Kienet ix-xewqa tiegħu li jinħadem fuq il-palk ta' San Alwiġi imma billi fih għadd kbir ta' atturi baqa' ma nħadimx.

Wara, kemm-il darba ltqajna u tkellimt miegħu; x'aktarx li l-Malti jew ir-Raħal tagħna, jew il-ħbieb tar-Raħal imma fuq kollox Sid ir-Raħal: San Nikola, kienu jkunu s-suġġetti li nitkellmu fuqhom. Qabel ninfirdu kien jgħidli: *"Tinsiex issellili għal San Nikola"*. L-istess, hekk kif kien jarani jew jiltaqa' miegħi x'imkien jew f'xi okkażjoni, baqa' sa l-aħħar jistaqsini bi tbissima tal-ġenna li kienet waħda mill-ħafna doni li Alla żejnu bihom, *"Kif inhu San Nikola tal-Pjazza?"* U jien kont b'ċerta serjetà ngħidlu *"Kif tridu jkun? Dak anqas Hitler ma seta' għalih; hemm għadu, għassa tar-Raħal, jistenna lil uliedu jiġu jarawh"*. U Patri Delia jżid jitbissem. Kull meta kien jiġi sar-Raħal baqa' sa l-aħħar imur iżuru fin-niċċa għażiża tiegħu, jew barra minnha fil-jiem tal-festa.

Wara Alla, il-Madonna u Sant Injazju, il-qaddis fundatur tal-Ġiżwiti, għal Delia kien jiġi San Nikola. Dawn jixhduh il-poeżiji bla għadd li kitiblu, fix-xitwa u fis-sajf, f'kull okkażjoni li kien jidhirlu ta' min isemmih; m'hemmx għalfejn tiġi l-festa biex jiktiblu! Ftit minn dawn il-poeżiji sbieħ jinsabu miġburin fil-ktieb tal-poeżiji tiegħu *"Meta Toħlom il-Qalb"*, li ħareġ fl-1962. *"Il-Leġġenda ta' San Nikola"* hija wkoll waħda mil-leġġenda li kiteb bl-oħla benna.

**Wara San Nikola kien jiġi Raħal Twelidu għalih. U Raħal Twelidu ma kienx biss ifisser il-knisja u d-djar li kienu jiffurmaw ir-raħal, imma l-qlub tas-Siġġiwin, l-għelieqi fejn jaħdmu, Għar Lapsi, il-Girgenti u Għajn il-Kbira. il-Fawwara, il-Wied tal-Buskett, Ħal Xluq u Tal-Providenza, Tal-Għolja, Tal-Karmnu u l-Fawwara u kull roqgħa oħra li s-Siġġiwin jgħożżu u jħobbu, hu kien jgħożż u jħobb daqshom.**

Iżda rrid ngħid li Tal-Providenza kellha seħer kbir fuqu. Dik il-knisja ċkejkna tal-Madonna kellu għalfejn jgħożżha tassew għax, kif qalli hu kemm-il darba, Hi għenitu fl-akbar diffikultajiet ta' ħajtu; Hi urietu t-triq li kien ħosbien jaqbadhiex jew le. Il-Madonna tal-Providenza riditu Ġiżwita bħal ma kull Ġiżwita jaf il-Madonna bħala l-purtinara li tiftaħlu l-bieb tan-novizzjat. Għalhekk kien ta' sikwit jiġi jqaddes fuq l-artal tal-knisja ċkejkna tagħha, jagħmel bil-qalb irtiri lill-għaqdiet li jitolbuh u li jkunu se jagħmlu l-irtir hemm, f'dik il-knisja ċkejkna, teżor ta' qalbu u ta' ruħu. Kif kien magħġun magħha Patri Delia!

**Il-quċċata tal-ferħ tiegħu kienet il-festa ta' San Nikola. Kont taraħ mhux biss għall-funzjonijiet tal-knisja (kemm-il darba għamel il-paniġierku tal-festa), imma kien iqaddes il-quddiesa tat-tmienja ta' jum il-festa u l-kelmtejn li kien jinseġ fl-omelija kienu, bil-ferħ li jimlew qalb is-semmiegħa, iqabbżu d-dmugħ minn għajnejn kulħadd. Kienet issakkrek barra milli ssaħħrek il-ħlewwa ta' kliemu.**

Imbagħad għall-ħruġ tal-vara filgħaxija kont issibu hemm, fuq iz-zuntier, qalb ir-rassa, jistenna lil San Nikola jfiġġ merfugħ fil-bieb tal-portiku tal-kompatrijott tagħna l-Professur Nikola Zammit. Ġieli ħarist lejn wiċċ Delia dak il-ħin; ma kienx ikun wiċċ ta' bniedem, imma ta' anġlu! Kif kien jixgħel malli jara wiċċ San Nikola! Jinsa li jkun qiegħed f'dinja. Għalxejn tkellmu dak il-ħin. Naħseb li lanqas is-salut qawwi tal-murtali ma kien jisma' bit-telfa li kien ikun mitluf iħares lejn wiċċ San Nikola.

U tassew, ħafna minn ħajtu Delia fassalha fuq l-eżempji sbieħ ta' San Nikola, l-aktar l-imħabba u l-karità kbira li kellu fih għal kulħadd. Għax Delia ma kellu l-ebda bniedem għadu. Kulħadd kien iħobbu. Kulħadd kien ifittxu mhux biss biex jitolbu xi parir, imma mqar biex jgħid kelma miegħu, għax iħossu jitfarraġ minnu, l-aktar fil-hemm u fit-tbatija tal-ħajja li Delia kien daq minnhom.

Meta s-sena li għaddiet, fl-1980, Patri Delia ma qaddesx tat-tmienja nhar San Nikola, qalbi għamlet tikk; għedt, "biex ma ġiex tassew ma jiflaħx". U hekk kien. Semmejthielu meta xi jiem wara ltqajt miegħu. Qalli li riġlejh kienu bdew iħalluh. Ftit wara nxteħet marid. Ma kinitx marda twila, ta' ftit ġimgħat, imma li fihom bata fis-skiet tal-qdusija li l-Kumpanija ta' Ġesù kienet rawmet fih u li hu kien tgħallem iġarrab tul ħajtu kollha, sat-tmiem.

Kien il-Ħadd 28 ta' Settembru 1980, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija xħin mort naraħ in-Naxxar fejn kien dan l-aħħar wara xi snin ta' ħidma pastorali fl-Isla. Kien jidher għajjien ħafna. Kien filli jintilef, filli f'sensih. Wassaltlu t-tislijiet ta' San Nikola .. ma nafx semagħnix, għax l-ebda sinjal ma għamel, imma jien nemmen li f'moħħu u f'qalbu semagħni u li 'l San Nikola kien ġa qed jaraħ ħdejh. Bistu b'qima kbira fuq ġbinu u ħallejtu mdawwar minn qrabatu, imħassbin u mnikkta. L-għada, kif kiser il-lejl għat-Tnejn, sewwa sew fil-kwarta ta' filgħodu, ir-ruħ għażiża ta' Patri Delia ttajret għall-ġenna lejn il-Ħallieq tagħha.

Il-funeral *praesente cadavere* li sarlu fil-knisja arċipretali tan-Naxxar, fejn jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Parroċċa, nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru fit-3.30 p.m., kien jixhed biċ-ċar kemm kienet tgħożżu Malta kollha, mill-ifqar u l-iżgħar bniedem sa l-istess rappreżentant tan-Nazzjon innifsu, il-President tar-Repubblika.

**Fi kliem Patri Agius, il-Provinċjal li għamel il-kelmtejn fil-quddiesa kkonċelebrata għal ruħu minn aktar minn 100 saċerdot, Patri Delia kien il-bniedem li ħabb 'l Alla u li ra f'kull bniedem, kien x'kien l-istat tiegħu, lil Alla fih. Alla hu Mħabba u hekk ukoll kien Patri Ġużeppi Delia, il-Ġiżwita ideali li għamel ġieħ kbir lill-Kumpanija ta' Ġesù, lil Malta u 'l-Letteratura Maltija u lil Raħal Twelidna, Is-Siġġiewi.**

(1981)

# Tbiddlet l-Għanja

ta' Patri Ġużè Delia S.J.

*Din il-poeżija nkitbet għall-ewwel darba li Jum il-Festa ta' San Nikola minn Diċembru tbiddel f'Ġunju, fl-1951*

L-għanja li nsiġt għalik illum, Nikola,
Mhix bħal ta' darba; m'hemmx troxx minnha d-dija
Ratba, ħafifa, ta' Diċembru mqalleb,
Bis-sħab imqattgħa tas-smewwiet xitwija.

Ma tfuħx bir-ranċiż abjad ta' l-għelieqi,
Bil-benna tal-larinġ tal-ġonna tagħna
Jew bil-ħaxix iqattar xita u nida,
Imbewwes miż-żeffiet tat-tramunatna.

Kien hemm f'dik l-għanja tiegħi seħer moħbi,
Seħer l-għodwiet fid-dell taċ-ċpar mistura
U l-ħlewwa li titbissem fuq ir-raba',
Miksi bl-irtuba ta' tapit ta' ħdura.

U fil-kisra ta' kliemha u ta' lehmitha
Kellha xi ħaġa minn ħlewwiet il-vjola.
Għax bħall-fwieħa tal-vjola, hekk kif tbexxaq,
Kien ismek minnha jfur, maħbub Nikola.

Hekk kieket tikber fiha dik il-għanja,
Tixrob is-sried li jaqa' fil-għaxija
Mill-kwiekeb bojod, li bejn sħaba u sħaba,
Fir-reżħa ta' bil-lejl tixref mistħija.

Tixbaħ warda oħra llum din l-għanja tiegħi,
Il-warda mżewqa, kollha ġmiel u fwieħa
Li tiftaħ fir-rebbiegħa taħt xemx sħuna
U b'daħka lill-ħolqien tlewwen sabiħa.

Tbiddlet il-għanja imma la ma tbiddlet
Il-qalb l' hemm fiha tħabbat u l-imħabba
Li dejjem għalik xegħlet, Qaddis tiegħi,
U f'sidri minn tfuliti bdiet titrabba.

Għax bħal demm ġismi hi magħġuna miegħi
U tħalltet, twaħħdet mat-tinsiħġ ta' ġrajti
Li jimlew bil-ħjut tagħhom, waħda f'waħda
F'tiżwiq magħqud, in-newl tas-snin ta' ħajti.

U jkun Diċembru bil-bard tiegħu kiesaħ,
Jew Mejju jfuħ bil-ward, jidħak bid-dija,
Xitwa jew sajf, f'kull rokna, taħt kull sema
Qrib jew fil-bogħ'd, mitluf f'art barranija,

L-għanja ta' qalbi għalik tibqa' b'leħenha
Tfaħħrek u tifraħ bik, għażiż Missieri,
Ħielsa bħall-għanja ta' l-għasfur fil-masġar,
Safja bħall-wied għaddej ta' l-ilma ġieri.

U ismek ta' barka jibqa' dejjem fija
Inissel ħlewwiet ġodda u ħila ġdida,.
Għax dejjem f'Ismek iġġelidt qalbieni
U bl-għanja tar-rebbieħ ħriġt mit-taqbida.

U nibqa' nħobbok kif ħabbejt dar-Raħal
Li nħoss li hu tiegħi daqs kemm huwa tiegħek,
Agħmel li lkoll, li s-Siġġiwin uliedek,
Nibqgħu dejjem fl-imkien marbuta miegħek.

**U nibqgħu nħobbuk, kif ħabbewk darba**
**Missirijietna li fil-misraħ tagħna**
**Poġġewk għassies biex fit-taqbid tal-ħajja**
**Tibqa' tħarisna u tibqa' tieqaf magħna!**